MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 254/2007

Kawza fil-lista: 23

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B C li permezz tieghu wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Settembru 1984 fil-Parrocca ta' Haz Zebbug Malta;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett ulied u cioe' E li llum ghandu 21 sena, F li llum ghandu 15-il sena u G li llum ghandu 8 snin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadiex aktar possibli minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi u swat da parti ta' l-intimat oltre inkompatibilita' ta' karattru u b' hekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi l-esponenti gia awtorizzata tipprocedi b' din il-kawza skont digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-21 ta' Frar 2007 u sussegwentement b' digriet iehor tal-25 ta' Mejju 2007 din l-Onorabbli Qorti estendiet it-terminu sabiex l-esponenti tipprezenta l-odjern rikors guramentat;

Talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri F u G f' idejn ir-rikorrenti;

3. Tiffissa manteniment xieraq ghar-rikorrenti u ghal uliedha minorenni;

4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti filwaqt li tapplika favur ir-rikorrenti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Tawtorizza lir-rikorrenti u lil uliedha minorenni li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attrici.

Rat in-nota guramentata tal-attrici a fol.22 tal-process.

Rat li l-konvenut gie notifikat b'dawn il-proceduri fit-3 ta' Lulju 2012 u baqa' ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti kollha;

Rat li fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2012 din il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici spjegat li hija izzewget lill-konvenut fit-22 ta’ Settembru 1984 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, wiehed biss illum ghadu minorenni. Tkompli tispjega hekk:-
“Fl-ewwel snin taz-zwieg taghna morna nghixu l-Awstralja peress li zewgi ma kellux impjieg qabel ma ttrasferejna ruhna hawn Malta. Matul dawn l-ewwel snin jiena bdejt ninduna minn certu nuqqasijiet u indifferenza min-naha ta' zewgi, tant illi kienjohrog mid-dar filghaxija kwazi kuljum u jdum sabiex jirritoma lura d-dar sa tard bil-lejl sakemm bdejt ninduna illi kien qed imur jilghab;
Iktar ma beda ghaddej zmien zewgi dejjem beda jonqos milli jipprovdi ghall-bzonnijiet tal-familja, u dan minkejja illi huwa kien jahdem. Dan wassal sabiex ninduna illi huwa waqa' f’vizzji rovinuzi, l-vizzju tal-loghob u l-vizzju tax-xorb tant illi kien iharbat il-parti l-kbira tal-paga li jaqla u jhalli lill-familja nieqsa minn hafna bzonnijiet essenzjali. Dan gab fuq il-familja diversi pizijiet finanzjarji;
Zewgi kien ukoll jabbanduna d-dar matrimonjali kif u meta jfettilu b'mod regolari minhabba l-vizzji tal-loghob u tax-xorb, liema vizzji essenzjalment hadu l-post tal-familja ghal kollox. Minn meta qabad dawn il-vizzji, D beda jirritoma d-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Din is-sitwazzjoni baqghet sejra ghal zmien twil minghajr ma nbidtlet hlief ghall-aghar, u dan minkejja d-diversi tentattivi min-naha tieghi sabiex zewgi ibiddel hajtu. Fl-ewwel xhur tas-sena 2007, D abbanduna ghal kollox id-dar matrimonjali. B'konsegwenza ta' dina d-decizjoni ta' D, jiena spiccajt minghajr ebda mezzi sabiex inkun nista' immantni lili nnifsi u lill-uliedi tant illi ghall-bzonnijiet tal-hajja ta' kuljum kelli nissellef xi flus, sakemm bdejt nircievi xi assistenza socjali;

Matul is-snin li ghexna flimkien zewgi kien kontinwament jabbuza minni permezz ta' insulti u ingurji bil-fomm u dan minbarra abbuz fiziku iehor f'incidenti isolati sahansitra quddiem uliedna minorenni;
Meta nhares lura lejn is-snin li ilna mizzewgin ninnota li D qatt ma wera interess fil-hajja familjari u qatt ma gab ruhu ta' missier tajjeb tal-familja sahansitra dejjem wera indifferenza kbira fil-hajja ta' uliedna, minhabba l-hajja bla kont illi huwa addotta. Kont dejjem jiena illi hadt hsieb tal-bzonnijiet kollha ta' uliedna;
Sal-lum zewgi ghadu ma jissomministra l-ebda manteniment ghall-bzonnijiet ta' uliedna sal-punt illi spiccajt immantni lill-familja bl-ghajnuna li nircievi mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali;

Jiena ppruvajt kemm-il darba nirranga s-sitwazzjoni matrimonjali ta' bejnietna izda zewgi qatt ma wera nteress f' dan ir-rigward. Huwa dejjem naqas milli jirrikorri ghall-ghajnuna professjonali sabiex johrog mill-vizzji li dahal fihom u dan minkejja diversi sforzi li jiena ghamilt f' dan ir-rigward;

Nghid illi llum jiena ma nafx x'introjtu qieghed jippercepixxi zewgi. Irrid nghid ukoll illi l-ispejjez li ninkorri ghalija u ghal uliedi minorenni huma biss l-essenzjali u nevita kwalsiasi tip ta' lussu. L-ispejjez tieghi essenzjalment huma l-ispejjez edukattivi ta' uliedi, il-medicini, l-ispejjez ta' dawl u ilma u l-kera ta' l-appartament fejn nabitaw;

Nghid illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ma tikkomprendix xi proprjeta immobbli izda ghandna inkwilinat ta' appartament li nikru minghand il-Gvem. Ghandna wkoll xi mobbli li ma humiex ta' xi valur elevat u li huma bazikament l-essenzjali li bniedem ikollu bzonn sabiex jghix."

Ikkonsidrat.

**Responsabbilita' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Fix-xhieda taghha l-attrici tirriafferma dak li hija ssottomettiet fir-rikors guramentat taghha u cioe' illi z-

zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenut stante li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-konvenut abbanduna l-familja minghajr gustifikazzjoni, naqas milli jipprovdi ghall-bzonnijiet tal-familja minkejja li huwa jahdem, ghandu l-vizzji tal-loghob u tax-xorb, kif ukoll li kien hemm kazijiet fejn sahansitra refa' jdejh fuq l-attrici u dan anke quddiem uliedhom minuri.

L-istqarrijiet guramentati tal-attrici qeghdin jitqiesu minn din il-Qorti bhala veritiera.  Jirrizulta ghalhekk illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment unikament tort tal-konvenut D C.

**Kura u Kustodja tal-minuri u Access**.

Il-partijiet kellhom tlett itfal miz-zwieg taghhom. Tnejn minnhom illum huma maggorenni.  Minorenni hemm G li llum ghandu tlettax-il sena u joqghod mal-attrici.

Ma jidhirx li l-konvenut ghandu xi pretensjoni fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri tant illi mhux biss ma pprezentax risposta guramentata ghall-kawza talli lanqas ikkontesta t-talba tal-attrici sabiex tigi akkordata l-kura u kustodja pendente lite.

Huwa ghalhekk fl-ahjar interess tal-minuri G li l-kura u kustodja tigi definittivament moghtija lill-attrici b'dan illi l-access ghandu jkun kif jiftehmu minn zmien ghal zmien bejn il-partijiet, u fin-nuqqas ta' ftehim bil-modalita' indikata aktar 'l isfel.

**Manteniment**.

Fejn jirrigwarda manteniment il-Qorti ghandha tara sew il-htigijiet ta' min qed jitlob il-manteniment kif ukoll il-mezzi ta' minghand min ikun qed jintalab. Fin-nota guramentata taghha l-attrici telenka l-ispejjez rikorrenti li hija ghandha fir-rigward tal-minuri u bhala prova tad-dhul tal-konvenut resqet biss dokument wiehed, kopja ta' FS3 ghas-sena 2006. Ma ngabet l-ebda prova ta' x'inhu d-dhul attwali tal-konvenut. L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghaliex ma

resqitx bhala xhud il-kumpanija li tidher fuq id-dokument FS3. Semplicement xhedet li ma tafx x'inhu d-dhul attwali tal-konvenut illum. Mid-dokument imsemmi FS3 jirrizulta li f'dawk iz-zminijiet id-dhul gross tal-konvenut kien ta' circa tnax-il elf ewro (Eur. 12,000) fis-sena.

L-attrici ma tahdimx filwaqt li l-minuri G ghadu jmur l-iskola.

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li jkun manteniment adegwat is-somma ta' sebghin ewro (Eur 70) fil-gimgha ghall-attrici u s-somma ta' erbghin ewro (Eur 40) fil-gimgha ghall-minuri G.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

L-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet huma minimi, il-ftit mobbli li hemm fid-dar matrimonjali.

Il-fond matrimonjali, <indirizz>, huwa mikri minghand il-Gvern.

Huwa xieraq fic-cirkostanzi li l-inkwilinat ta' dan il-fond jghaddi esklussivament f'idejn l-attrici.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-konjugi C u tiddikjara wkoll li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament tort tal-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament fir-rigward tal-minuri G u tafda l-kura u kustodja tal-minuri G esklussivament f'idejn l-attrici A B C.

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-ammont ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghaliha

u ghall-minuri G fis-somma komplessiva ta' Eur110.00 fil-gimgha, rapprezentanti in kwantu ghal Eur 70.00 fil-gimgha bhala manteniment ghall-attrici u in kwantu ghal Eur 40.00 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri G, b'dan illi l-manteniment hekk likwidat jizdied kull anniversarju mid-data ta' din is-sentenza skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Inoltre l-manteniment fir-rigward tal-minuri ghandu jibqa' jithallas wara li l-minuri jaghlaq tmintax-il sena kemm-il darba l-minuri G jibqa' jistudja full-time sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena.

4. Tilqa' r-raba' talba, tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tiddikjara li l-mobbli kollha li hemm prezentement fid-dar matrimonjali tal-partijiet qed jigu assenjati lill-attrici. Tassenja l-kirja tal-flat numru <indirizz>, esklussivament lill-attrici. Tapplika wkoll favur l-attrici id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li l-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li fid-dar matrimonjali, cioe' fi <indirizz>, ghandhom jghixu l-attrici u l-minuri G ad eskluzzjoni tal-konvenut D C li qed jigi ordnat sabiex b'effett immedjat jizgombra mill-imsemmi fond.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------